



Brussell, 21 ta' Frar 2019
(OR. en)

6565/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0384(NLE)

SERVICES 16
WTO 58

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14018/1/18 REV 1 + 14018/18 ADD 1-17
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet rilevanti skont l-Artikolu XXI GATS mal-Arġentina, l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, it-Territorju doganali separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu (it-Taipai Ċiniża), il-Kolumbja, Kuba, l-Ekwador, Hong Kong iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea, New Zealand, il-Filippini, l-Iżvizzera, u l-Istati Uniti, dwar l-aġġustamenti ta' kumpens meħtieġa li jirriżultaw mill-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja mal-Unjoni Ewropea - Adozzjoni

1. Fit-13 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet taħt l-Artikolu XXI GATS¹.

¹ 14018/1/18 REV 1 + 14018/18 ADD 1-17

2. Fis-17 ta' Diċembru 2018, skont l-Artikolu 218 (6)(a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif iffinalizzat mill-esperti legali lingwistiċi u kif jinsab fid-dokument 14020/18 + COR 1 (hu), kif ukoll it-test tas-sett ta' 17-il ftehim li jinsabu fid-dokumenti 14020/18 ADD 1-17 + ADD 1 COR 1 (pl); ADD 1 COR 2 (ro); ADD 2 COR 1 (pl); ADD 2 COR 2 (ro); ADD 3 COR 1 (pl); ADD 9 COR 1 (pl); ADD 9 COR 2 (ro); ADD 9 REV 1 (pl); ADD 10 COR 1 (ro); ADD 11 COR 1 (ro); ADD 12 COR 1 (ro); ADD 14 COR 1 (ro); ADD 15 COR 1 (ro), lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
3. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tas-sett ta' 17-il ftehim fit-13 ta' Frar 2019.
4. L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, kif ukoll is-sett ta' 17-il ftehim, ġew sussegwentement approvati mill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Servizzi u Investiment) fl-20 ta' Frar 2019.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mill-laqgħat tiegħu li jmiss, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet rilevanti skont l-Artikolu XXI tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi mal-Arġentina, l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, it-Territorju doganali separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu (it-Taipei Ċiniża), il-Kolumbja, Kuba, l-Ekwador, Hong Kong iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea, New Zealand, il-Filippini, l-Iżvizzera, u l-Istati Uniti, dwar l-aġġustamenti ta' kumpens meħtieġa li jirriżultaw mill-adeżjoni taċ-Ċekja, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja mal-Unjoni Ewropea, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 14020/18 + COR 1 (hu), kif ukoll it-test tas-sett ta' 17-il ftehim li jinsabu fid-dokumenti 14020/18 ADD 1-17 + ADD 1 COR 1 (pl); ADD 1 COR 2 (ro); ADD 2 COR 1 (pl); ADD 2 COR 2 (ro); ADD 3 COR 1 (pl); ADD 9 COR 1 (pl); ADD 9 COR 2 (ro); ADD 9 REV 1 (pl); ADD 10 COR 1 (ro); ADD 11 COR 1 (ro); ADD 12 COR 1 (ro); ADD 14 COR 1 (ro); ADD 15 COR 1 (ro).